**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Robert Agius**

Numru 500/2012

Illum 25 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Robert Agius**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Raymond u Paola neé Zammit, imwieled Pietà nhar id-29 ta' Ottubru 1983, residenti Olive Court, Block B, Penthouse 11, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 569383(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Mejju 2012 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

(a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (*herojina*), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni;

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

(c) zamm ghandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar, jew munizzjon minghajr licenzja taht l-Att Dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

(d) sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija nhar is-7 ta' Ottubru 2010 mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D. liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-iffrizar u li tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew

immobbli u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 22A(1)(a)(b) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 6) datat 11 ta' Mejju 2012 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 435/12 (*a fol.* 18 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna liema Process Verbal jirrigwarda *"is-sejba ta' aktarx droga erojina fuq il-persuna u fil-pussess ta' Nadia Rapinett barra l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta liema mara kienet ghadha kemm waslet fuq titjira tal-ajru mill-Kajr fl-Egittu skont rapport tal-Pulizija tat-8 ta' Mejju 2012".*

Rat il-Process Verbal bin-Numru 492/12 (*a fol.* 84 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona liema Process Verbal jirrigwarda Xiehda Guramentata rilaxxata minn Nadia Rapinett.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 336 u 337) datata 11 ta' Ottubru 2013 fejn:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

u

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

    - fl-Artikoli 3, 5 u 51(1)(a)(b), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

    - fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 348), quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji *ai termini* tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 359), il-Qorti kif diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet l-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali u nqraw l-artikoli, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 456 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 469), lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, permezz ta' Digriet moghti fil-21 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 670 *et seq.*), il-Qorti laqghet it-talba tal-imputat sabiex issir riferenza kostituzzjonali lill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u dana ghar-ragunijiet indikati fir-rikors tal-istess imputat ipprezentat fis-6 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 649 *et seq.*).

Rat is-sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (*a fol.* 715 *et seq.* u Dok. "EGF 1" – *a fol* 999 *et seq.*) u kif ukoll is-sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 1010 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 996 *et seq.*) fejn il-Qorti laqghet it-talba kontenuta fir-rikors tal-imputat ipprezentat fis-16 ta' April 2019 (*a fol.* 983 *et seq.*) fejn gie ordnat li l-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 1037), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, f'liema seduta l-imputat iddikjara wkoll li ma kellux provi xi jressaq u dana ghajr ghal Essam Bassiouny li gie mressaq *ai termini* ta' Artikolu 405 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi stadju precedenti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fl-10 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 1058 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza fit-8 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 1087 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' Mejju 2012 ghall-habta ta' 12.00pm il-Pulizija tad-*Drug Squad* waqqfu lil certu Nadia Rapinett li kienet barra s-sala tal-*arrivals* fl-ajruport gewwa l-Gudja hekk kif kienet ghada tasal minn titjira mill-Kajr. Jghid li Rapinett giet mitluba tmur l-Ghassa u waqt tfittxija li saret irrizulta li kienet qed iggorr zewg blokki maghmulin minn plastik u go fih kien hemm trab kannella li kien suspettat li kien droga erojina. Jghid li Rapinett giet arrestata u li nftehet Inkjesta

Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna. Jixhed li Rapinett giet mehuda d-Depot fejn bdiet tigi mitkellma mill-Pulizija. Jispjega li Rapinett irrilaxxat zewg stqarrijiet u qal x'qalet fihom. Jghid li qalet li kien avvicinaha persuna li offrielha li ggib xi droga ghalih minn barra minn Malta u hu bhala depozitu qabel il-vjagg ihallasha hames mitt Euro (€500) u mbaghad mal-konsenja tad-droga jhallasha elf Euro (€1,000). Jghid li Rapinett kienet lesta li tikxef min kien dan il-persuna u kienet lesta wkoll taghmel konsenja kkontrollata. Jghid li qalet li l-persuna kienet l-imputat Robert Agius u minn hemmhekk hi, taht il-kontroll tal-Pulizija, ftehmet mieghu u nfurmatu li kienet Malta u li kienet lesta li tikkonsenjalu d-droga li kienet gabitlu. Jghid li l-ftehim kien li jiltaqghu hdejn ir-residenza taghha f'San Pawl il-Bahar u jghid ukoll li kien hemm Pulizija qed jaraw x'inhu jigri. Jixhed li f'hin minnhom giet vettura tat-tip Peugeot bi tliet minn nies fiha u jghid li filwaqt li l-imputat kien passiggier fuq quddiem, fuq wara kien hemm Paul Anthony Pisani bhala passiggier li jigi hu s-sewwieq Joseph Pisani. Jispjega li l-vettura avvicinat lil Nadia Rapinett u hekk kif l-vettura waqfet quddiem Rapinett, Rapinett marret fuq in-naha tal-imputat u tatu basket tan-Next li fih kien hemm zewg injamiet bhala *decoy* maghmula minn Pulizija u hu taha elf Euro (€1000) f'karti ta' flus. Jghid li qabel marret din il-vettura gie accertat li fuq Rapinett ma kien hemm xejn u hekk kif Rapinett warrbet minn hdejn il-vettura hi marret lura b'dawk l-elf Euro (€1000) li taha l-imputat. Jghid li hekk kif il-vettura kienet ser titlaq minn fuq il-post, il-vettura giet imwaqqfa mill-Pulizija. Jghid x'gie rappurat lilu dwar dak li gara mill-basket. Jixhed li gew arrestati dawn it-tliet persuni u li saru tfittxijiet fir-residenzi rispettivi taghhom. Jispjega li fir-residenza tal-imputat instabet *bullet* mhux sparata u li *"nstabet ukoll dik li hija suspettata sustanza li hija droga bhala ammont minimu, ghoqda tal-plastik li kien fiha xi sustanza suspettata droga kokajina"* (*a fol.* 34). Jghid li nstabu wkoll diversi oggetti bhal karti, *mobile phones* u *sim cards*. Jixhed li l-imputat ittiehed id-Depot fejn irrilaxxa stqarrija wara li kkonsulta mal-avukat tieghu. Jispjega li Nadia Rapinett irrilaxxat xiehda guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fejn hija kkonfermat bil-gurament l-istqarrijiet li kienet ghamlet. Spjega li eventwalment l-imputat gie mressaq il-Qorti akkuzat

b'diversi imputazzjonijiet. Ezebixxa numru ta' *mobile phones* kif ukoll, fost l-ohrajn, is-segwenti: dikjarazzjoni (Dok. "PG" – *a fol.* 39), *Legal Advice Report* (Dok. "PG 1" – *a fol.* 40 *et seq.*), stqarrija (Dok. "PG 3" – *a fol.* 42 *et seq.*), *bullet* mhux sparata (Dok. "PG 8"), ghoqda tal-plastik trasparenti kontenenti sustanza suspettuza droga (Dok. "PG 9"), karta bajda bi kliem, numri miktuba bil-linka blu (Dok. "PG 10" – *a fol.* 49), elf Euro (€1000) f'karti (Dok. "PG 16"), ricevuta ta' elf Euro (€1000) (Dok. "PG 17" – *a fol.* 50), u lista (Dok. "PG 18"- *a fol.* 51).

In <u>kontro-ezami</u> gie mistoqsi jghid kif spjega r-regola tal-inferenza lill-imputat hekk kif gie biex jiehu l-istqarrija tieghu.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 118 *et seq.*), ikkonferma li kien hu li kien talab l-awtorizzazzjoni mill-Magistrat tal-Ghassa sabiex issir il-konsenja kkontrollata in kwistjoni. Jghid li l-konsenja kkontrollata saret bil-partecipazzjoni ta' Nadia Rapinett u tal-Pulizjja tad-*Drug Squad*. Mistoqsi jghid kif sehh il-kuntatt bejn Nadia Rapinett u l-imputat, wiegeb: *"Permezz ta' telefonata jew telefonati, ma nafx ghax jiena ma kontx fuq il-post"* (*a fol.* 119). Mistoqsi jghid min kien responsabbli biex jara Rapinett x'kienet qed tghid fit-telefonati, wiegeb: *"Ifhimni l-Pulizija li jkun hemm maghha"* (*a fol.* 119). Ma jafx min kien dan il-Pulizija. Jghid li, sa fejn jaf hu, din it-telefonata jew telefonati ma jkunux irrekordjati. Jghid ukoll li, sa fejn hu, is-Servizzi tas-Sigurta' ma kellhom l-ebda involviment. Mistoqsi jghid min qal lil Rapinett xi trid tghid fit-telefonata jew telefonati li kienet ser taghmel lill-imputat, wiegeb: *"Daka kien hemm il-Pulizija, grupp ta' Pulizija li se jiehdu sehem dak il-hin. Jiena jekk qalliex xi hadd…"* (*a fol.* 120). Jghid li dan il-grupp ta' Pulizija ma gewx *detailed* minn ghandu u mistoqsi jghid min tahom l-istruzzjonijiet, wiegeb: *"Minn Ufficjal ma nafx jekk hux is-Sur Aquilina jew inkella jkunx hemm xi hadd li qieghed maghha"* (*a fol.* 120). Jghid li dan ma jirrizultalux mill-*file*. Qal ukoll li hu fil-konsenja kkontrollata ma ppartecipax b'mod dirett.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' Mejju 2012 kien gie moghti struzzjonijiet biex imur l-ajruport peress li fuq it-titjira li

kienet ser tasal mill-Egittu kellha tasal certu Nadia Rapinett. Jixhed li mar l-ajruport flimkien ma' ufficjali ohra qabel ma nizel l-ajruplan in kwistjoni u jghid li ghall-habta tas-1.30pm ra lil Rapinett hierga minn naha tal-*Customs Area*, raha taqsam l-*arrivals* ghal fuq il-bankina fejn ikun hemm it-*taxis* ipparkjati u raha tistenna hemmhekk. Jghid li qaghad josservaha ghal ftit hin u li Rapinett damet kwazi siegha u nofs tistenna fuq il-bankina. Jixhed li ddecidew li jmorru jezegwixxu l-mandat li kellhom fil-konfront taghha, marru fuqha, ittiehdet l-Ghassa tal-ajruport u saret tfittxija fuqha. Jghid li mit-tfittxija li saret fuq Rapinett, fuqha nstabu zewg pakketti suspettati li go fihom kien hemm id-droga. Jghid li Rapinett ittiehdet l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk l-iSpettur kompla bl-investigazzjonijiet. Jispjega li l-ghada, cioé fid-9 ta' Mejju 2012, Rapinett iddecidiet li tkompli tghin lill-Pulizija billi taghmel konsenja kkontrollata u b'hekk hu (PS 1174) mar ghand il-mastrudaxxa tal-Pulizija, gab bicctejn injam li kienu l-istess daqs tal-pakketti li kienu sabu l-gurnata ta' qabel, dawwarhom f'karta bajda u ghamlilhom it-*tape* kannella. Jixhed li ha r-ritratti ta' dawn il-pakketti bil-*mobile* tieghu. Ezebixxa hames ritratti li gew immarkati bhala Dok. "AS 1" sa "AS 5" (*a fol.* 57). Jghid li dakinhar tad-9 ta' Mejju 2012 hu flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* marru fil-vicinanzi ta' fejn toqghod Rapinett, ippustjaw ruhhom hdejn il-Bella Vista Hotel u PC 10 kien *lookout* qed jaghtihom l-istruzzjonijiet. Jghid li ghall-habta tal-4.00pm-4.30pm, PC 10 qalilhom li kienet ghadha kemm telghet Peugeot ta' kulur iswed bi tliet persuni fiha, huma qarrbu aktar u hekk kif PC 10 qalilhom li l-vettura ha ssuq, huma dahlu fit-triq u sakkru l-hrug tal-vettura u nizlu mill-vetturi biex jipprocedu ghall-arrest. Jispjega li hekk kif huwa (PS 1174) nizel javvicina l-vettura, PC 213 li kien fil-vann ta' quddiem li sakkar beda jghajjat: ""*Il-passiggier rema' l-pakkett, il-passiggier rema' l-pakkett*"" (*a fol.* 54) f'liema hin PS 1174 beda jimmarka b'subajgh ghal passiggier ta' quddiem. Jghid li hu (PS 1174) dar mal-ewwel in-naha tal-passiggier ta' quddiem u ghadda biex jarresta lilu, hargu mill-vettura, gie mmanettjat u gie moghti l-*caution*. Jispjega li waqt li kien qed jaghmel l-arrest kien diga' immarka l-baskett mal-art fuq il-bankina u b'hekk dan elevah u wara kkonferma li kien l-istess basket u l-istess pakketti li ghamel hu stess dakinhar fil-ghodu. Ezebixxa bhala Dok. "AS 6" il-baskett tan-Next fejn fuq il-widna ta'

gewwa hemm il-marka tal-pinna li ffotografa hu stess u zewg pakketti gewwa fejn hemm injam u l-marka tal-pinna li ghamilhom hu stess meta lesta l-pakkett. Jghid li dan il-baskett gie elevat minn fuq il-bankina n-naha fejn kien hemm il-passiggier fejn beda jimmarkalu l-istess PC 213 li l-passiggier kien rema' dak il-basket. Jispjega li l-arrestati ttiehdu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u li wara ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gew investigati mill-iSpettur.

**PS 1174 Adrian Sciberras** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 163) fejn spjega li l-ewwel ma giet arrestata kienet Nadia Rapinett precizament fit-8 ta' Mejju 2012 u li l-ghada tkompliet l-investigazzjoni fejn gew arrestati Robert Agius, Joseph Pisani u Paul Pisani.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 58) fejn spjega li fit-8 ta' Mejju 2012 huwa kien gie moghti dokument 1 minn PC 1392 Kevin Buhagiar biex jaghmel analizi fuqu. Jghid li d-dokument kienu zewg blokki ta' sustanza kannella car f'ammont ta' erba' mija u wiehed u disghin (491) gramma li fiha nstabu s-sustanza kaffeina u s-sustanza paracetamol u li fiha ma nstabux sustanzi llegali.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn qal li fid-9 ta' Mejju 2012 wara nofsinhar fuq struzzjonijiet ta' l-iSpettur Victor Aquilina u l-iSpettur Pierre Grech mar jaghmel osservazzjoni gewwa Triq l-Iskuna, l-Qawra fejn kellha sehh konsenja kkontrollata. Jghid li certu Nadia Rapinett kienet qed tistenna barra r-residenza taghha gewwa t-triq imsemmija u li hu kien qed josserva t-triq fejn f'hin minnhom ra vettura Peugeot 307 ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni FBZ 337 li fiha kien hemm tlieta min nies. Jghid li Rapinett marret titkellem max-xufier fejn hemmhekk ghaddietlu basket tal-karti. Jispjega li ftit wara, l-istess vettura qabdet issuq l-isfel fejn hu avza lill-*units* li kien hemm biex jintercettaw il-vettura. Jghid li fil-fatt il-vettura giet intercettata qabel ma harget mill-istess triq. Ezebixxa filmat li gie mmarkat bhala Dok. "TCM" (*a fol.* 267).

**PC 10 Trevor Cassar Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 165 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid x'ghandu xi jghid fuq it-tliet persuni li kien hemm fil-vettura li semma meta xehed qabel qal li hu rahom minn wara u zied jghid li fil-filmat jista' jkun li jigu l-ucuh taghhom ukoll. Mitlub jghid jekk huwiex f'pozizzjoni jara lil xi hadd minn dawn it-tlieta, wiegeb: *"Nahseb li l-imputat iva jidher fil-filmat, miniex cert pero' nahseb li iva jidher, jigifieri jekk naraw il-filmat nahseb li jidher"* (*a fol.* 166). Ezebixxa n-notamenti tieghu li gew immarkati bhala Dok. "TCM" (*a fol.* 169).

In <u>kontro-ezami</u> meta gie mistoqsi jghid jekk in-notamenti (Dok. "TCM" – *a fol.* 169) li gew ezebiti gewx miktuba minnu, wiegeb fl-affermattiv, fejn zied jghid li dawn huma n-notamenti li ha dakinhar fuq id-djarju tieghu stess. Jghid li fuq id-djarju hu kiteb kollox. Mistoqsi jghid jekk f'xi hin kellux konnessjoni ma' Nadia Rapinett, wiegeb fin-negattiv. Jghid li kien jaf min hi Nadia Rapinett peress li kien raha dakinhar qabel id-Depot. Jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn fl-investigazzjoni ta' Rapinett. Ghad-domanda jekk hu kienx prezenti meta saru xi telefonati minn Nadia Rapinett, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 213 Nicolai Borg** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn qal li fid-9 ta' Mejju 2012 hu flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* kellhom struzzjonijiet minn ghand l-iSpettur Aquilina u l-iSpettur Grech li kienet ha ssir konsenja kkontrollata. Jghid li ghall-habta ta' 4.00pm PC 10 mar Triq l-iSkuna fil-Qawra sabiex josserva. Jghid li hu (PC 213) flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* qaghdu fil-vicinanzi tat-triq imsemmija fejn ghall-habta tal-4.30pm gew infurmati biex jidhlu fit-triq imsemmija u jwaqqfu Peugeot ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni FBZ 337. Jghid li hu (PC 213) kien bl-ewwel vettura li dahlet fit-triq u jghid li ra l-vettura ta' kulur iswed imsemmija li go fiha ra tliet irgiel u mar mill-ewwel fuqha. Jghid li hu kien go vann u hekk kif mar ezatt fuq il-vettura msemmija, ghalaq it-triq u kollegi ohra tad-*Drug Squad* nizlu u waqfu tlieta min nies. Jghid li hekk kif nizlu l-Pulizija minn gol-vetturi l-imputat deher jarmi basket tan-Next. Jghid li hu (PC 213) mill-ewwel beda jindika li l-imputat kien rema' l-baskett tant li PS 1174 gabar l-imsemmi basket. Jixhed li

apparti l-imputat (li kien passiggier fuq quddiem), fil-vettura kien hemm ukoll Joseph Pisani bhala xufier u Paul Pisani bhala passiggier fuq wara. Ezebixxa tliet ritratti mehuda minnu li gew immarkati bhala Dok. "NB" (*a fol.* 64) li jghid juru kif twaqqfet il-vettura u kemm hu kien vicin taghha meta ra lill-imputat jarmi. Bhala Dok. "NB 1" (*a fol.* 65) ezebixxa n-nota li minnha kien qed jixhed.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn qalet li fid-9 ta' Mejju 2012 dahlet fl-ufficju tal-iSpettur Aquilina fejn kien hemm Nadia Rapinett li tghid kienet giet arrestata l-gurnata ta' qabel mill-ajruport fejn instab xi droga fuqha u hi ddecidiet li tikkollabora mal-Pulizija. Jghid li saret tfittxija fuq Rapinett qabel ma kienet ser tmur lura fir-residenza taghha li tinstab fi Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar. Tixhed li fuqha Rapinett kellha biss *mobile* sabiex tkun tista' taghmel kuntatt mal-persuna li kien gej ghad-droga li nstabet fuqha l-gurnata ta' qabel. Tispjega li ghall-habta tal-4.30pm Rapinett cemplet lil certu Robert li qalilha li kien sejjer mieghu certu wiehed Pawlu u qalilha wkoll li kien sejjer dak il-hin stess ghall-affarijiet. Tispjega li xi hin wara, Rapinett nizlet fl-entrata fil-bieb ta' barra u ftit tal-hin wara Rapinett telghet u saritilha tfittxija ohra fuqha u nstab li fuqha kellha elf Euro (€1000). Tghid li huma stennew lill-Pulizija li kien hemm isfel jghidulhom li setghu johorgu b'Rapinett u mbaghad marru lura d-Depot. Tghid li hi kienet flimkien ma' WPC 127 meta kienet flimkien ma' Rapinett. Mistoqsija tghid x'kellha fuqha Rapinett meta thalliet tiltaqa' ma' Robert Agius, tghid li fuqha kellha basket tal-karti tan-Next u *mobile* u li meta marret lura kellha l-*mobile* u l-flus li semmiet qabel.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehed ukoll il-**Brigadier Maurice Calleja** (*a fol.* 106) fejn spjega li fit-23 ta' Mejju 2012 kien gie mahtur biex jezamina *bullet* u qal li meta ezaminaha sab li din kienet *bullet* ta' .38 u li kienet ghadha kkargata u li setghet tista' tigi sparata minn *revoler*. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MC" (*a fol.* 108 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Victor Aquilina** (*a fol.* 111 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' Mejju 2012 huwa kien xoghol u ghall-habta tal-5.00pm innota li kien hemm arrestata Nadia Rapinett li jghid li kienet tafu peress li kellha xi hadd familjari taghha li kellu xi kawzi pendenti mieghu meta kien jahdem fid-distrett. Jghid li Rapinett ghajtitlu u hekk kif mar hdejha qaltlu li kienet giet arrestata peress li kienu sabulha xi droga. Jghid li qalilha li f'kaz li kienet ser tikkoopera hi setghet tibbenifika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u jghid li spjegalha dan x'kien ifisser. Jghid li l-ghada rega' kellimha u rega' spjegalha ezatt xi jfisser Artikolu 29 tal-Kapitolu msemmi u wara li qaghad jitkellem maghha, Rapinett bdiet tghidlu kif kienet involuta f'dan l-akkadut. Jghid x'qaltlu. Jixhed li spjegalha li setghet taghti xiehda guramentata jew jekk xtaqitx tkun involuta f'konsenja kkontrollata u jghid li hi qaltlu li xtaqet taghmilhom it-tnejn. Jghid li hu nforma lis-superjuri tieghu u lill-iSpettur Pierre Grech. Jispjega li gie mbiddel il-kontenut tas-sustanza li kienet instabet ghand Rapinett u li qabel giet mehuda biex issir il-konsenja kkontrollata saret tfittxija fuqha u dana sabiex jigi accertat li ma jkunx hemm flus fuqha. Jghid li saret il-konsenja kkontrollata fejn jghid li meta Rapinett irritornat lura, Rapinett kellha elf Euro (€1000) li gew mghoddija mill-ewwel lill-Pulizija. Jghid li hu kien involut ukoll meta ittiehdet it-tieni stqarrija ta' Rapinett. Jghid li Rapinett infurmatu li kienet lestha li tigguramenta l-istqarrija rilaxxata minnha u b'hekk gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Micallef Trigona fejn quddiemu giet guramentata din l-istqarrija rilaxxata minnha quddiemu u kif ukoll l-ewwel stqarrija rilaxxata lill-iSpettur Pierre Grech. Jghid li mal-istqarrija kien ipprezenta ritratt ta' Robert Agius immarkat bhala Dok. "VA" fejn Rapinett ikkonfermat li dak kien Robert Agius li kienet irriferiet ghalih fl-istqarrija.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kif saret il-konsenja kkontrollata u x'sehem kellu fiha, wiegeb li huwa nforma lill-iSpettur Pierre Grech li nforma lill-Magistrat tal-Ghassa dak il-hin li kienet ser issir il-konsenja kkontrollata. Jghid li nforma wkoll lis-superjuri tieghu sabiex juza n-nies u jghidilhom x'kien ser isir.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehdu wkoll **PC 1392 Kevin Buhagiar** u **PC 910 Sean Pace** (*a fol.* 122) fejn filwaqt li spjegaw li kienu gew mahtura bhala *Scene of the Crime Officers* fl-Inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna, ipprezentaw ir-rapport redatt minnhom li gie mmarkat bhala Dok. "KB/SP" (*a fol.* 124 *et seq.*).

**PC 910 Sean Pace** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' April 2013 (*a fol.* 259 *et seq.*) fejn jghid li kien gibed tnax il-ritratt fl-ufficcju tal-iSpettur Pierre Grech. Meta gie muri ritratt li jinsab *a fol.* 131 u gie mistoqsi jghid min hi l-persuna li tidher f'dan ir-ritratt, jghid li din hija Nadia Rapinett. Jghid li hu fl-ebda hin ma mar fir-residenza ta' Rapinett fil-Qawra. Jghid li PC 1392 assistih fil-gbid tar-ritratti. Jghid li kellhom *camera* wahda. Jghid li mentri hu (PC 910) ha r-ritratti, PC 1392 assistih. Meta gie suggeriet lilu jekk PC 1392 zammlux il-lenti, wiegeb: *"Le, kien hdejja, inpoggu l-affarijiet fuq il-mejda"* (*a fol.* 260).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **WPS 12 Andrea Grech** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn spjegat li fit-8 ta' Mejju 2012 hi flimkien ma' PS 1174 kienu qeghdin l-ajruport fejn giet imwaqqfa certu Nadia Rapinett. Jghid li Rapinett giet skortata ghall-Ghassa tal-ajruport stess u waqt li hi, WPC 127 u WPC 237 kienu qeghdin jaghmlulha tfittxija sabu zewg blokok li go fihom kien hemm suspett ta' droga illegali. Tghid li dawn kienu fuq il-persuna ta' Rapinett stess u tghid ukoll li kienet Rapinett stess li ndikatahomlhom. Tixhed li wara Rapinett ittiehdet id-Depot ghal aktar investigazzjoni u li l-oggetti gew issigillati fuq il-post u mehuda d-Depot u mghoddija lill-iSpettur Grech li ghaddiehom lis-*Scene of the Crime Officers*. Tghid li hi ma kinitx involuta fil-konsenja kkontrollata.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **WPC 237 Antonella Vella** (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn qalet li hekk kif dahlet ghax-xoghol fit-8 ta' Mejju 2012, l-iSpettur Grech qalilha biex tmur l-ajruport sabiex tiltaqa' ma' membri ohra tad-*Drug Squad* peress li kienu qed jistennew persuna li kellha tasal minn titjira mill-Kajr peress li kien hemm suspett li fuq din il-persuna kien hemm xi

droga. Tghid li marret fejn inghad lilha biex tmur fejn iltaqghet ma' WPS 12, PS 1174 u WPC 127. Tghid li giet avzatha li kienet dehret il-persuna partikolari li tghid li kienet certa Nadia Rapinett. Tispjega li Rapinett dehret ghal xi hin fuq il-*mobile* taghha quddiem it-*terminal*. Tispjega wkoll li gie deciz li Rapinett titwaqqaf u li PS 1174 u WPS 12 waqqfuha fejn Rapinett giet mehuda gewwa l-Ghassa tal-ajruport biex isiru xi tfittxijiet fuqha. Tixhed li biex saru dawn it-tfittxijiet dahlu hi, WPS 12 u WPC 127. Tghid li wara li WPS 12 tat il-*caution* lil Rapinett, Rapinett minn jeddha dahlet idejha taht il-libsa minn fejn qalghet blokka bi trab kannella. Tghid li hi (WPC 237) harget mill-kamra sabiex igib ingwanti u li hekk kif dahlet lura fil-kamra fuq il-mejda rat li kien hemm blokka ohra simili bhal dik li kienet inharget fil-prezenza taghha. Tispjega li Rapinett giet arrestata u giet mehuda gewwa d-Depot fejn l-affarijiet gew mghoddija lil tal-Forensika. Ghad-domanda jekk hi kellhiex aktar partecipazzjoni f'din l-investigazzjoni, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Paul Anthony Pisani** (*a fol.* 141 *et seq.*) wara li nghata t-twissija fejn spjega li hu kien jinsab fuq wara fil-vettura flimkien mal-imputat u ma' huh iz-zghir Joseph Pisani li kien qed isuq il-vettura. Jixhed li marru jieklu tas-Sliema, imbaghad marru l-Hamrun u hekk kif kienu ser iwasslu lill-imputat, l-imputat ircieva telefonata fejn semghu jghid li kienu baghtulu xi haga u semghu jghid ukoll: *""Dawn x'affarijiet huma?""* (*a fol.* 141). Jghid li minn hemm baqghu isuqu biex iwasslu lill-imputat Bugibba. Jghid li baqghu sejrin lejn Bugibba, fejn l-imputat qal li ried jaghti elf Euro (€1000) lil mara jew l-gharusa ta' Karin. Jispjega li hu lil din il-mara ma rahiex u li din il-mara ma dahlitx fil-vettura u li anqas l-imputat ma hareg mill-vettura. Mistoqsi jghid kif l-imputat ghaddielha l-elf Euro (€1000), jghid li ghaddiehomlha minn got-tieqa tal-vettura. Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta jekk rax dan isir, wiegeb: *"Le ma rajthiex, imma nahseb li minn got-tieqa ghax it-tieqa kien hemm mitfuha"* (*a fol.* 143). Jghid li ra persuna tavvicina t-tieqa pero' jghid li anqas ta' kaz. Jispjega wkoll li marru xi Pulizija fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Joseph Pisani** (*a fol.* 145 *et seq.*) wara li nghata t-twissija fejn spjega li dakinhar tal-akkadut mar hdejn huh u l-imputat ma kellux vettura u l-imputat cempel lil huh (lil hu Joseph Pisani) biex imur ghalih pero' ma setghax imur ghalih ghax kellu x'jaghmel u mar hu (Joseph Pisani) minn floku ghalih. Jghid li mar bil-vettura Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni FBZ 337. Jispjega li filwaqt li huh kien fuq wara fil-vettura, hu (Joseph Pisani) kien qed isuq u l-imputat kien passiggier quddiem. Jixhed li hekk kif kienu sejrin lejn San Pawl il-Bahar, l-imputat ircieva telefonata u qallu biex jghaddieh minn hemm stess fejn specifika li ried ihallas xi flus. Jghid li hekk kif telghu t-telgha ta' Kennedy Grove, regghet cemplitlu mara li jghid li sema' lehinha, pero' jghid li ma semaghha tghid xejn. Jispjega li l-imputat rega' cempel lil din il-persuna u qalilha biex tohrog u l-imputat indikalu minn fejn kellu jghaddi, dahal go triq, dawwar go fiha peress li t-triq taghlaq, l-imputat cempel lil din il-mara biex tinzel, il-mara nizlet, u jghid li hu (Joseph Pisani) qatt ma raha u l-imputat ghaddielha elf Euro (€1000). Jghid li hu ra dan isir. Jghid li hekk kif saq bicca zghira, din il-mara tefghet basket bejn saqajn l-imputat u l-imputat rega' ramieh minn got-tieqa. Jghid li f'hin minnhom gie vann abjad ghal go fih u minnu hargu l-Pulizija u hadulu c-cwievet tal-vettura. Jghid li l-mara li semma' aktar qabel hu qatt ma raha. Iddeskriviha bhala mara ftit goffa. Mistoqsi jghid jekk qattx ra lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi jghid f'liema cirkostanzi, wiegeb: *"Ifhimni ghax meta kien qed jahdem xi xoghol ma' hija barra mill-Egittu ghal-Libja, jahdmu xi xoghol mill-Egittu ghal-Libja"* (*a fol.* 148).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2012, xehed **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn qal li fid-9 ta' Mejju 2012 huwa kien xoghol fejn ircieva struzzjonijiet mill-iSpettur Pierre Grech li certu Nadia Rapinett kienet qed tghin lill-Pulizija u kienet se taghmel konsenja kkontrollata. Jghid li ftit tal-hin wara regghu rcevew struzzjonijiet minn ghand l-iSpettur biex imorru gewwa Bugibba u li kellhom jircievu struzzjonijiet minn ghand PC 10 li kien qieghed f'punt ta' osservazzjoni gewwa l-Qawra. Jispjega li f'hin minnhom PC 10 qalilhom li Nadia Rapinett kienet harget barra l-blokka tal-*flats* u kienet qed tistenna u f'hin minnhom dahlet vettura Peugeot

ta' kulur iswed in-numru ta' liema ma jiftakrux fejn PC 10 qalilhom biex iwaqqfu din il-vettura. Jghid li hu (PC 760) kien qed isuq l-ahhar vettura fejn huwa ghalaq it-triq. Jghid li minn hemmhekk mar jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputat f'San Pawl il-Bahar fejn minn gol-*unit* tat-televizjoni li kien hemm fil-*living room* eleva hames *simcards*, tliet *mobiles* u *bullet*. Jispjega wkoll li mill-i*spare bedroom* eleva, fost l-ohrajn, GPS *phone* tal-marka Thuraya. Jghid li wara li saret it-tfittxija l-imputat gie eskortat lejn id-Depot.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed **Brian Farrugia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 187 *et seq.*) fejn xehed dwar il-vetturi li jinsabu registrati fuq Robert Agius, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 569383(M). Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 189 *et seq.*).

**Brian Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 197) fejn spjega li fis-seduta ta' qabel kien gie mitlub jipproduci kopja tat-trasferimenti kif il-vetturi gew registrati f'isem Robert Agius. Jghid li pprepara kopja tat-trasferiment relattiv ghal kull vettura u ezebixxa d-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 199 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' April 2013, xehdet **WPS 102 Ruth Magro** (*a fol.* 257) fejn qalet li minn ricerka li ghamlet fis-sistema tal-armi rigward Robert Agius, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 569383(M), irrizulta li l-imsemmi Agius ma kellu l-ebda armi registrati fuq ismu.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 265) fejn spjega li kien gie nominat sabiex jezamina hmistax il-oggett, konsistenti minn *mobiles*, *simcards*, *starter packs*, GPS's. Filwaqt li ezebixxa r-relazzjoni redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*Envelope Loose*), ezebixxa wkoll vera kopja tad-DVD ezebiet bhala Dok. "TCM" fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, liema ezebiet irritornah flimkien mal-*mobile phones*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci** (*a fol.* 268 *et seq.*) fejn qalet li fit-8 ta' Mejju 2012 giet mwaqqfa certu Nadia Rapinett gewwa l-ajruport wara li giet minn titjira mill-Kajr. Tispjega li Rapinett ittiehdet l-Ghassa tal-ajruport fejn saret tfittxija fuqha u li meta kienu qeghdin l-Ghassa Rapinett harget zewg blokok minn gol-libsa, liema blokok gew miftuha aktar tard u fihom kien hemm trab kannella. Tixhed li l-ghada wara nofsihar, cioé fid-9 ta' Mejju 2012, hi u WPC 23 marru ma' Nadia Rapinett gewwa r-residenza taghha f'San Pawl il-Bahar fejn ghall-habta tal-4.00pm Rapinett cemplet lil certu Robert Agius fuq il-*mobile* fejn qaltlu li hi kienet waslet id-dar u li *"dawk qeghdin ghandha"* (*a fol.* 268). Meta Agius staqsa lil Rapinett x'kellha, Rapinett wegbitu: *""l-affarijiet""* (*a fol.* 268). Tispjega li Agius qal lil Rapinett li kien sejjer dak il-hin ghall-affarijiet u li kien sejjer ma' certu Pawlu. Tghid li Rapinett nizlet isfel u wara ftit minuti regghet telghet fuq u regghet cemplet lil Agius u staqsietu kemm kien ser idum ghax kienet is-shana. Tghid li Agius qal lil Rapinett li kien kwazi wasal u b'hekk Rapinett regghet nizlet isfel. Tghid li wara ftit minuti Rapinett regghet telghet u li lilha (WPC 127) u lil WPC 23 qaltilhom li Robert Agius kien hallasha u tathom elf Euro (€1000) fi flus. Tghid li l-affarijiet li Rapinett nizlet maghha kienu go basket tal-karti. Tixhed li minn hemmhekk regghu marru d-Depot biex ikomplu jsiru aktar investigazzjonijiet. Mistoqsija dwar il-flus li Rapinett tathom, tghid li dawn gew maghduda quddiem Rapinett biex jikkonfermaw li hemm l-istess ammont, gew elevati u gew mehuda id-Depot biex titkompla l-investigazzjoni. Tghid li Rapinett ikkomunikat ma' Agius bil-*mobile* taghha.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid jekk Rapinett xeghlitx l-i*speaker* tal-*mobile* u ghamlitux *hands free* meta ghamlet iz-zewg telefonati li hi (WPC 127) semmiet, wiegbet: *"Le kienet qed titkellem mal-persuna li qaltilna Robert Agius u ovvja jien kont qed nisma l-konverzazzjoni taghha kif bdiet tghid hi, meta qatghet qaltilna x'kien qed jghidilha l-persuna l-ohra minn naha l-ohra tal-mobile"* (*a fol.* 269). Mistoqsija tghid min qalilha biex tiehu lil Rapinett fl-appartament, tghid li kellha struzzjonijiet minn ghand l-iSpettur, li ma tiftakarx min kien. Meta gie suggerit lilha li kien l-iSpettur Victor Aquilina, wiegbet li ma tiftakarx liema Spettur qalilha biex tmur. Tghid li l-istruzzjonijiet

moghtija lilha kienu biex imorru gol-flat, Rapinett taghmel it-telefonata lil persuna li kellha tmur ghall-affarijiet u jimxu minn hemm x'skond x'jghidilha dan il-persuna. Tispjega li Rapinett dejjem irriferiet ghal certu Robert Agius. Mistoqsija tghid f'liema stadju Rapinett irriferiet ghal Robert Agius, wiegbet: *"Ma nafx f'liema parti ta' l-investigazzjoni ghax jiena ma kontx ma' Nadia"* (*a fol.* 270). Tghid li kull meta Rapinett kienet maghha, Rapinett dejjem irriferiet li ha ccempel lil Robert Agius, pero' tispecifika li kien hemm hinijiet fejn hi (WPC 127) ma kinitx prezenti ma' Rapinett. Mistoqsija dwar it-tfixxija li saret fuq Rapinett, tispecifika li din saret fl-Ghassa tal-ajruport. Mistoqsija tghid jekk kinitx maghha, wiegbet: *"Mhux il-hin kollu pero' ghax jiena f'hin minnhom hrigt. Ezempju kont prezenti meta harget l-ewwel blokka minn gol-libsa ghax imbaghad kelli nohrog minn gol-kamra"* (*a fol.* 271). Tghid li harget ghax kellha tkellem lil xi hadd pero' tghid li ma' Rapinett kien hemm WPS 12. Mistoqsija tghid jekk meta kien hemm hi ssemmiex Robert Agius, wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija tghid jekk tafx li fil-hin li kienu l-ajruport kien gie arrestat ragel, wiegbet fin-negattiv. Meta gie suggeriet lilha li gie arrestat ragel ta' nisel Egizzjan u ntbaghat l-hemm, wiegbet: *"Le ma niftakarx"* (*a fol.* 272). Hi tichad li gie mitluba taghmel tfittxija gewwa vann. Mistoqsija minn min giet akkumpanjata Rapinett meta ttiehdet id-Depot mill-ajruport, wiegbet: *"Ma nafx jekk jiena wkoll kontx prezenti maghha fil-karozza apparti WPS 12"* (*a fol.* 272). Mistoqsija tghid min irregistra lil Rapinett fil-*lockup* tad-Depot meta ttiehdet hemm, wiegbet li ma tiftakarx. Mistoqsija tghid jekk kinitx hi, wiegbet li ma tiftakarx. Ma tiftakarx lanqas li kienet hi li nizlet jew tellghet lil Rapinett mil-*lockup*. Tghid li ma kinitx prezenti meta Rapinett irrilaxxat stqarrija. Mistoqsija tghid jekk f'xi zmien wasslitx jew eskortatx lil Nadia Rapinett gewwa l-bini tal-Qorti, wiegbet li ma tiftakarx. Mistoqsija tghid jekk tiftakarx xi haga ohra in konnessjoni ma' dan il-kaz, wiegbet: *"Dak kollu li ghadni kif ghidt"* (*a fol.* 273). Tghid li hija certa minn dak li xehdet in ezami u kkonfermat ukoll li xehdet f'kawza ohra, cioé dik kontra Nadia Rapinett. Mistoqsija tghid jekk hux certa li z-zewg verzjonijiet humiex l-istess, wiegbet fl-affermattiv.

Illi l-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 232) jirrizulta li d-difiza talbet lir-Registatur tal-Qorti jezebixxi

kopja tax-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci tal-11 ta' Settembru 2012 moghtija fil-proceduri **Il-Pulizija vs. Nadia Rapinett**, liema talba giet milqugha mill-Qorti diversament preseduta. Ta' min jinnota li mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 264) jirrizulta li giet ezebita l-imsemmija traskrizzjoni tax-xhud imsemmija, liema traskrizzjoni giet immarkata bhala Dok. "CG" (*a fol.* 274 *et seq.*). F'din it-traskrizzjoni, WPC 127 Carmen Gauci tghid li fit-8 ta' Mejju 2012 nghata lilhom Mandat ta' Tfittxija ghal Nadia Rapinett li kienet gejja minn titjira mill-Kajr, l-Egittu ghall-habta tas-1.20pm. Tghid li marru hemm, stennewha tohrog, u meta harget mill-ajruport, Rapinett qaghdet tistenna quddiem is-sala tal-*arrivals*. Tispjega li Rapinett ghamlet hafna hin fuq il-*mobile* u li ghall-habta tat-3.05pm, hi flimkien ma' PS 1174 u WPS 12 marru fuq Rapinett fejn identifikaw ruhhom u fejn Rapinett ittiehdet l-Ghassa tal-ajruport biex issir tfittxija fuqha. Tghid li hija (WPC 127 Gauci) kienet prezenti meta kienet qed issir din it-tfittxija u li hekk kif bdiet it-tfittxija Rapinett harget pakkett minn gol-libsa, hi (WPC 127) harget il-barra mill-kamra u t-tfittxija kompliet fejn wara rrizulta li Rapinett harget zewg pakketti. Tghid li wara marru d-Depot ghall-aktar investigazzjoni. Tispjega li l-ghada 9 ta' Mejju 2012 marru fir-residenza ta' Rapinett gewwa San Pawl il-Bahar fejn ghall-habta tal-4.00pm Rapinett cemplet lil certu Robert Agius fuq il-*mobile* fejn qaltlu li kienet waslet id-dar u li kellha *"l-affarijiet"* (*a fol.* 274) u tghid li hi kienet hdejn Rapinett u li Rapinett qaltilha li Agius qalilha li kien sejjer dak il-hin ma' certu Pawlu *"ghall-affarijiet"* (*a fol.* 275). Tghid li hi (WPC 127) kienet ma' WPC 23 fejn Rapinett nizlet isfel u qaghdet tistenna u li wara ftit minuti Rapinett regghet telghet u regghet cemplet lil Robert Agius fejn staqsietu kemm kien ser idum peress li kien hemm is-shana barra u li Agius qalilha li kien kwazi wasal. Tghid li Rapinett regghet nizlet isfel u wara ftit minuti regghet telghet fejn qaltilhom li Robert Agius kien taha xi flus u tathom elf Euro (€1000) li kien tahomlha l-imsemmi Agius. Tispjega li f'dan il-hin hi (WPC 127) u WPC 23 kienu gol-*flat*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, xehed ukoll, fuq talba tad-difiza (*a fol.* 264), **Essam Bassiouny** (*a fol.* 276 *et seq.*) fejn spjega li ghandu c-cittadinanza Maltija u jghid li ilu jghix Malta hamsa u ghoxrin sena. Mistoqsi jghid x'jaghmel f'Malta, jghid li qabel kien jaghmel

*sales* u li ghall-ahhar hmistax il-sena kellu zewg ristoranti f'Paceville u li seba' snin ilu zarma u mar l-Egittu u ghamel ufficju hemm. Mistoqsi jghid x'inhu x-xoghol tieghu gewwa l-Egittu, wiegeb: *"Ix-xoghol tieghi proprja qieghed biss jiena ghandi hafna relationship f'Malta u l-Italja qed nuzah min ghandu bzonn ix-xoghol nista' nibghatulu u niehu s-senserija tieghi, l-commission tieghi"* (*a fol.* 277). Mistoqsi jghid jekk huwiex *commission agent*, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk jafx lil xi hadd fl-awla, wiegeb li jaf *"lis-Sur Agius"* (*a fol.* 277). Mistoqsi jghid kif jafu, wiegeb: *"Jiena propja lis-Sur Agius lilu propja ma nafux lilu, jiena kien kellimni wiehed Egizzjan kelli bzonn ha jibghatli nies l-Egittu, dak ghandkom kumpanija ta' catering jixtri z-zjut u olives u affarijiet ta' gardiniera u affarijiet hekk u kienu gew l-Egittu u laqqajthom mal-kumpanija li qed ibieghu x-xoghol u kien xtara xi haga minn ghandu, zebbug minghalija u rrangaw fuq iz-zejt u jiena hadt il-commission tieghi minn ghand dak l-Egizzjan. Kienu gew tnejn min nies, kien gie Mr. Paul Pisani u Robert Agius"* (*a fol.* 277). Ikkonferma li lil Agius u lil Pisani sar jaf bihom permezz ta' Egizzjan iehor. Mistoqsi jghid min hu dan l-Egizzjan l-iehor, wiegeb li jismu Karin Hassan u jghid li min ghalih ilu jghix hawn madwar ghaxar snin jew aktar. Mistoqsi jghid x'tip ta' negozju ghamlu hu u Agius, wiegeb: *"Iva konna ghamilna, kellu bzonn zebbug ghax hu ghandu l-kumpanija tieghu qed tbiegh ix-xoghol il-Libja wkoll meta jkollu certu xoghol u jiena bghattlu container ghal hemm"* (*a fol.* 278). Jghid li dan il-*container* intbaghat minn Alexandria gewwa l-Egittu ghal Tripoli gewwa l-Libja. Jixhed li dan il-*container* kienu jinkludi z-zebbug. Mistoqsi jghid jekk din gratx ta' darba jew aktar minn darba, wiegeb: *"Jiena u proprjament konna miftehmin ghal darbtejn xoghol, kellna l-olives u z-zejt ta' l-ikel ghax huma ghandhom certu hotels hemmhekk u ghandhom diga' ordni lesta. Jiena laqqajthom u hu ghamel it-total tax-xoghol, hadt il-commission tieghi u huma jaghmlu x-xoghol lest ghal-Libja. Suppost jiena kont ipprezentajt xi darba lilhom wara li kont bghatt xoghol il-Libja lilhom kont bghattilhom photocopy il-karti tax-xoghol"* (*a fol.* 278). Meta gie muri dokument li gie mmarkat bhala Dok. "EB" (*a fol.* 281 *et seq.*), qal: *"Dak kien container ta' ten (10) pallets zebbug li kienu qeghdin gewwa bramel mill-ikbar ghax ghidtlek dak kellhom xoghol ta' catering"* (*a fol.* 279).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid f'liema perjodu kien dan in-negozju li kellu ma' Agius, wiegeb li dan kien is-sena li ghaddiet. Jaqbel li l-

konsenja waslet f'Marzu 2012. Jixhed: *"Dak meta ftehmna, meta fthemt ma' dak l-Egizzjan u sar id-deal ovvjament dawn l-affarijiet lanqas idumu gimgha biex jghaddu"* (*a fol.* 280). Mistoqsi jghid kemm dam jiftiehem ma' Agius, wiegeb: *"Lis-Sur Agius jiena propja lilu ma kontx nafu imma lili meta kellimni dak l-Egizzjan bghatli lis-Sur Agius u l-partner tieghu l-Egittu u hadthom u laqqajthom u wrejthom ix-xoghol is-samples u dawn l-affarijiet"* (*a fol.* 280). Ghad-domanda: *"Jigifieri din grat darba, ma kinitx jigifieri perjodu ta' zmien twil?"* (*a fol.* 280), wiegeb: *"Le, le, le xi tliet ijiem minn ghalija, erbat' ijiem"* (*a fol.* 280). Mistoqsi jghid jekk imbaghad kellux aktar kuntatt ma' Agius, wiegeb: *"Imbaghad daqshekk mas-Sur Agius"* (*a fol.* 280).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2019, xehdet **Eunice Grech Fiorini** (Registratur Qrati u Tribunali Kriminali – *a fol.* 998) fejn ezebiet sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Dok. "EGF 1" – *a fol* 999 *et seq.*) u kif ukoll sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 1010 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju

huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak* <u>*dettat*</u> *mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-8 ta' Mejju 2012 it-Taqsima ta' kontra d-Droga waqqfet lil certu Nadia Rapinett li kienet barra s-sala tal-*arrivals* tal-ajruport hekk kif kienet ghadha tasal minn titjira mill-Kajr u li minn tfittxija li saret fuqha rrizulta li kienet qed iggorr zewg blokki maghmulin minn plastik u go fih kien hemm trab kannella li kien suspettat li kien droga erojina. Jirrizulta li l-imsemmija Rapinett kienet lestha li taghmel konsenja kkontrollata u meta saret din il-konsenja kkontrollata l-imsemmija Rapinett ghaddiet pakkett go vettura li fiha kien hemm l-imputat bhala passiggier, liema vettura kienet qed tigi misjuqa minn Joseph Pisani, f'liema vettura kien hemm ukoll Paul Anthony Pisani. Jirrizulta li filwaqt li Rapinett ghaddiet il-pakkett li kellha, hi giet

moghtija s-somma ta' elf Euro (€1000). L-imputat u z-zewg persuni l-ohra li kienu mieghu gew arrestati u saret tfittxija fir-residenzi rispettivi taghhom. Fl-atti processwali jirrizulta x'instab meta saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat b'assocjazzjoni, b'pussess semplici tad-droga kokajina, b'zamm ta' munizzjoni minghajr licenzja u b'li sar recidiv.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija (Dok. "PG 3" – *a fol.* 42 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fl-10 ta' Mejju 2012 u fir-rigward tax-Xiehda Guramentata (*a fol.* 84 *et seq.*) rilaxxata minn Nadia Rapinett.

**<u>Stqarrija (Dok. "PG 3" – *a fol.* 42 et seq.)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu) u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat, tant li jirrizulta li huwa tkellem ma' avukat ta' fiducja tieghu, jirrizulta wkoll li l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija taghhom pero' l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija (bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-ohrajn, ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li gie deciz mill-istess Qorti aktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi l-Qorti tinnota li fl-istqarrija (Dok. "PG 3" – *a fol.* 42 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu ghajr ghal dawk fejn gie mistoqsi jghid jekk fehemx it-twissija li kienet ghadha kemm inghatatlu, fejn gie mitlub jikkonferma hux minnu li kien kellem lill-avukat ta' fiducja tieghu u meta gie mistoqsi jghid jekk riedx ibiddel xi haga jew izid mal-istqarrija.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti m'ghandha ghalfejn taghmel l-ebda inferenzi u anqas ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni fir-rigward tal-vulnerabilita' *o meno* tal-imputat u dana mehud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li jirrizulta mill-fedina penali (*a fol.* 7) tal-imputat.

**<u>Xiehda Guramentata ta' Nadia Rapinett (*a fol.* 84 *et seq.*)</u>**:
Illi l-atti processwali jikkontjenu l-istqarrijiet li gew rilaxxati lill-Pulizija minn Nadia Rapinett (wahda fit-8 ta' Mejju 2012 u ohra fid-9 ta' Mejju 2012) liema stqarrijiet gew sussegwentement igguramentati quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

Illi ghandu jinghad li Nadia Rapinett giet mressqa bhala xhud biex tixhed fis-seduti tat-28 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 75 u *a fol.* 151) u tal-14 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 634) fejn hija ghazlet li ma tixhidx peress li kien hemm pendenti kontra taghha proceduri kriminali.

Illi l-Qorti tinnota li permezz ta' Digriet moghti fl-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 523 *et seq.*) il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-istess Prosekuzzjoni tharrek lil: *"Nadia Rapinett ghas-seduta li jmiss sabiex taghti d-depozizzjoni taghha u* ***tirrizerva li taghti provedimenti ohra jekk ikun il-kaz****"* (*a fol.* 525) [emfazi mizjuda], liema talba giet milqugha in segwitu ta' Rikors ipprezentat mill-Prosekuzzjoni fid-9 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 471) fejn il-Prosekuzzjoni talbet li tressaq lil Nadia Rapinett bhala xhud u dana minkejja li fis-seduta ta' qabel, u cioé dik tat-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 470), il-Prosekuzzjoni kienet talbet zmien sabiex tkun tista' tiehu konjizzjoni tal-atti processwali hekk kif dakinhar gie dikjarat li l-imputat kien ser jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi wara li fis-6 ta' Settembru 2017 l-imputat talab li ssir riferenza kostituzzjonali (*a fol.* 649 *et seq.*), liema talba giet milqugha b'Digriet moghti fil-21 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 675 *et seq.*), il-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) (Dok. "EGF 1" – *a fol.* 999 *et seq.*) u l-Qorti Kostituzzjonali (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 1010 *et seq.*) taw is-sentenzi taghhom ghal din ir-riferenza fl-10 ta' Ottubru 2018 u fid-29 ta' Marzu 2019 rispettivament.

Illi fis-sentenza (Dok. "EGF 1" – *a fol.* 999 *et seq.*) taghha, il-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet is-segwenti:

> "Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tirrispondi ghar-riferenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tiddikjara illi l-proceduri ta' Robert Agius li ilhom pendenti minn Mejju 2012, huma lezivi tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
>
> Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jassigura li jiehu l-passi kollha necessarji fi zmien gimgha ghar-riappuntament spedit tal-Appell ta' Nadia Rapinett.
>
> Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u tissollecitaha taghmel l-almu taghha sabiex takkorda l-ispeditezza mistennija fil-proceduri kontra Nadia Rapinett, mifhuma c-cirkostanzi tal-proceduri kriminali kontra Robert Agius, b'mod specjali d-durata tal-istess.
>
> Tordna li l-atti jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri quddiem dik il-Qorti fid-dawl ta' dak fuq deciz.
>
> L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija" (*a fol.* 1009).

Illi fis-sentenza (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 1010 *et seq.*) taghha, il-Qorti Kostituzzjonali, wara li qieset l-appell intavolat mir-rikorrent *ossia* l-imputat Robert Agius u kif ukoll l-appell incidentali pprezentat mill-intimat Avukat Generali, iddecidiet is-segwenti:

> "Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell principali tar-rikorrent u mill-appell incidentali tal-intimat billi tichadhom.
>
> L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell principali jkunu a kariku ta' Robert Agius u dawk tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-intimat Avukat Generali" (*a fol.* 1019).

Illi kien biss wara li nghatat is-sentenza fid-29 ta' Marzu 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 1010 *et seq.*) li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 996) il-Qorti ddikjarat hi stess l-provi tal-Prosekuzzjoni bhala maghluqa[1] u dana in segwitu ta' Rikors ipprezentat mill-imputat (*a fol.* 983 *et seq.*) ghal liema Rikors ipprezenta r-Risposta tieghu l-Avukat Generali (*a fol.* 991 *et seq.*) (ma' liema Risposta tal-Avukat Generali aderixxiet il-Prosekuzzjoni – *a fol.* 997). Il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tippuntwalizza li fir-Risposta tieghu, l-Avukat Generali sahaq, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "Illi ghalhekk l-esponenti umilment jaghmel tieghu d-decide tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** moghtija nhar il-13/10/2016 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) gharblet l-valur probatorju u s-sahha tal-prova li taghmel stqarrija guramentata kontra l-imputat relattiv.
>
> Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett u responsabbilta' jirrinunzja ghall-kwezit d.[2] fil-Artikoli mahruga minnu nhar il-11/10/2013 bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli

---

[1] Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li talba ohra da parte tad-difiza sabiex il-Qorti tordna l-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni giet michuda fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 632 *et seq.*)

[2] *"Tisma lil Nadia Rapinett fi stadju opportun u skond il-Ligi"* (*a fol.* 337).

> Qorti tipprocedi bil-process odjern billi tisma' lill-imputat jiddeponi bil-gurament u sussegwentement tghaddi ghas-sentenza u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fil-gudizzju ghaqli u superjuri taghha".

Illi, fir-rigward ta' dak li gie appena kkwotat, il-Qorti tinnota li bl-ebda mod ma tista' iggieghel lill-imputat biex jixhed u dana minkejja kull dikjarazzjoni li setghet saret mid-difiza fir-rigward tad-depozizzjoni *o meno* tal-imputat (*a fol.* 470) qabel il-Prosekuzzjoni biddlet il-hsieb taghha li terga' titlob li tixhed Nadia Rapinett f'dawn il-proceduri (*a fol.* 471). *Di fatti*, irrizulta finalment li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt li jaghmel (*a fol.* 1037).

Illi, kif diga' nghad, jirrizulta li Nadia Rapinett baqghet qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri peress li meta giet imressqa biex tixhed hija ghazlet li ma tixhidx peress li kien hemm pendenti kontra taghha proceduri kriminali. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 1087 *et seq.*), id-difiza tishaq li x-xiehda guramentata moghtija minn Nadia Rapinett kif kontenuta fil-Process Verbal (*a fol.* 84 *et seq.*) hija wahda inammissibbli u sahqet li ghandha tigi skartata.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara **Il-Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-

Att ta' Akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun prezenti waqt is-smiegh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smiegh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[3] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-Prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-Gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu

***"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in Court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself***

[3] "661: *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra"*."

***inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"***[4].

Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-Prosekuzzjoni fil-Qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji[5]. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi akkolt".

---

[4] "(1990) 12 E.H.R.R. 434, para. 41."

[5] "Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London) 2001: *"What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every Prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the Prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"*. (para. 15-114, 15-115, pagna 465)."

Illi fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn ingħad illi:

> "S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-*in genere* b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtieġa ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-*in genere* [...] tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero', li x-xhud jinġieb ukoll fil-Qorti biex jiġi eżaminat viva-voce ... hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat**, wara li dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 kif ukoll ghall-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9, inghad hekk:

> "Issa allura dan ifisser illi *ai termini* tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma *'a competent witness'* fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex *'a compellable witness'* u cioé ma jistghux jigu mgieghla jaghtu d-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa d-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' *supra citata*. Dan ghaliex l-Artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi **"ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva-voce."**

Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smiegh tal-guri. Illi allura l-Qorti u cioé l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioé lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura jkun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo t-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju l-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex ***"The right to a fair***

***administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."***

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz *Luca v. Italy* [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

***"As the Court has stated on a number of occasions [...] it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."***

Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:

1. Illi x-xiehda bhala regola trid tinghata viva-voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.

2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-*pre-trial stage* u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per

ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.

3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.

4. Finalment jekk dik ix-xiehda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza *Saidi v. France* (1993 - 17 EHRR 251) inghad:

*"The Court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However, <u>the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected</u>.." (sottolinjar tal-Qorti)"".*

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, il-Qorti Kriminali qalet ukoll:

"Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li jkunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma jkunux xehdu quddiem il-Qorti *viva voce* ghaliex din wahedha ma tistax twassal ghal inammissibilita ta' prova li l-ligi tqies bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu msejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghal smiegh xieraq f'kull process penali ma jigiex mittiefes.

Ghaldaqstant, ghalkemm din l-ewwel eccezzjoni qieghda f'dan l-istadju tigi michuda, madanakollu il-Qorti qed tirriserva li tipprovdi dwar l-istess billi taghti d-direzzjoni opportuna lill-gurati fl-istadju tal-guri in konnessjoni mal-ammissibilita' *o meno* tal-prova konsistenti fix-xiehda guramentata ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo li jinsabu esebieti in atti, fl-eventwalita' illi l-imsemmija zewg xhieda ma joffrux id-deposizzjoni taghhom *viva voce*." [emfazi mizjuda minn din il-Qorti].

Illi ghandu jinghad li in segwitu tas-sentenza appena kwotata, u cioé dik moghtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Lulju 2016, gie intavolat appell minn Charles Paul Muscat, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016 irriteniet is-segwenti:

"Issa, kif inghad [...] permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-appellant eccepixxa l-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet guramentati ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo peress li dawn ma xehdux fl-Istruttorja u l-Artikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti korrettement cahdet din l-eccezzjoni. L-imsemmijin Apap u Bartolo fil-fatt gew prodotti mill-Prosekuzzjoni bhala xhieda izda huma ghazlu li ma jixhdux minhabba illi hemm proceduri kriminali pendenti kontra taghhom. Il-fatt li ghazlu li ma jixhdux mhijiex certament raguni biex l-istqarrijiet taghhom jigu dikjarati inammissibbli. Barra minn hekk il-Prosekuzzjoni ddikjarat quddiem din il-Qorti illi hija l-intenzjoni taghha li tipproduci lill-imsemmija zewg xhieda fil-guri fil-konfront ta' l-appellant wara li jkunu gew terminati definittivament il-proceduri kontra taghhom.

Issa, filwaqt illi l-appellant stqarr illi "pjuttost jaqbel ma' l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti Kriminali", isostni li l-eccezzjoni tieghu kellha tigi deciza b'dikjarazzjoni cara li l-istqarrijiet guramentati ta' dawn iz-zewg xhieda huma

inammissibbli sakemm l-istess xhieda ma jixhdux *viva voce* waqt il-guri. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti rriteniet "li fl-eventwalita' li z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ma joffrux id-deposizzjoni taghhom waqt il-guri minhabba l-pendenza tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom, 'f'dak l-istadju l-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu l-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati'." Hawn qeghdin, kif anke accettat id-difiza, fir-relm ta' l-ipotetiku. Tajjeb, pero', li jigi senjalat illi jekk, ghal xi raguni jew ohra l-imsemmijin zewg xhieda ma jixhdux waqt il-guri, u allura jigri li l-akkuzat ma jkollux u ma kellu qatt l-opportunita' li jikkontroezamina dawn ix-xhieda dwar id-dikjarazzjonijiet guramentati li kienu ghamlu, l-istess dikjarazzjonijiet ma jkunux jistghu jittiehdu bhala prova tal-kontenut taghhom.

Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda htiega li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet hlief li tissofferma fuq is-segwenti punti:

- l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huwa eccezzjoni ghall-Artikolu 661 biss.

- ix-xhieda ghandhom jinstemghu *viva voce* (salv f'dawk ic-cirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali).

- Fejn l-unika xiehda hija tal-komplici, hu applikabbli l-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali.[6]

- Jekk ma jkunux gew terminati definittivament il-proceduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.

[6] "Ara, per ezempju, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Antonio Barbara**, 17 ta' Jannar 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella**, 28 ta' Lulju 2011".

> Ghal dawn il-motivi, salv dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat appellant Charles Paul Muscat". [emfazi mizjuda minn din il-Qorti]

Illi ghandha ssir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ramon Fenech** liema sentenza tirrigwarda sitwazzjoni fejn xhud li kien irrilaxxa stqarrija guramentata u li kontra tieghu kien hemm proceduri kriminali ghazel li jixhed xorta wahda fil-kors tal-kumpilazzjoni qabel il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kienu gew konkluzi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fejn inghad hekk:

> "[…] fil-fehma tad-difiza tali xhieda hija inammissibli in kwantu fil-mument li nghatat dan ix-xhud kellu jitqies bhala ko-akkuzat fit-termini tal-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza taghna, billi f'dak iz-zmien il-kaz tieghu kien ghadu ma ghaddiex in gudikat. Illi mill-atti kumpilatorji johrog illi Simon Linton Sancto kien *a tempo vergine*, u cioé fit-30 ta' Settembru 2010, offra x-xhieda tieghu fit-termini ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll iddepona *viva voce* quddiem il-Qorti Istruttorja fis-16 ta' Frar 2011. Il-kaz tieghu, imbaghad gie deciz u ghadda in gudikat fil-21 ta' Frar 2011.
>
> […]
>
> Issa allura dan ifisser illi *ai termini* ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 Simon Linton Sancto ghandu jitqies illi huwa *'a competent witness'* fil-konfront ta' l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huwa offra d-deposizzjoni tieghu kien ghadu jitqies bhala ko-akkuzat billi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa

> illi sakemm il-kaz tieghu gie deciz Sancto ma kienx *'a compellable witness'* u cioé ma setax jigi imgieghel jaghti d-deposizzjoni tieghu billi kellu d-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminah. Fil-fatt meta huwa offra d-deposizzjoni tieghu fis-16 ta' Frar 2011, huwa gie moghti t-twissija skont il-ligi, izda ghazel li jaghti x-xhieda tieghu fejn anke kkonferma bil-gurament d-dikjarazzjoni guramentata li kien offra fit-30 ta' Settembru 2010 *ai termini* ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31. F'din is-seduta l-akkuzat kien prezenti u kellu kull dritt jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji ai fini ta' kontroll ta' dak li kien qed ighid ix-xhud u dan fit-termini ta' dak superjorment deciz fil-kawza supra citata Il-Pulizija vs. Pierre Gravina. *Di più,* issa li l-kaz tax-xhud Sancto gie deciz u ghadda in gudikat ma hemm xejn x'jostakola lil dan ix-xhud milli joffri d-deposizzjoni tieghu fl-istadju tal-guri u dan dejjem bil-kawteli stabbiliti fil-ligi fl-Artikolu 639 tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser allura illi x-xhieda ta' Sancto ma tista' qatt titqies bhala xhieda inammissibbli fit-termini tal-ligi. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda."

Illi l-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjoni moghtija fit-28 ta' Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef et** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ibda biex ghalkemm fl-atti hemm zewg stqarrijiet guramentati wahda ta' Jason Manuel Briffa u l-ohra ta' Joseph Grech, ko-akkuzati mal-appellati, mehuda fit-termini ta' l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kienet prekluza skont il-ligi milli tiehu konjizzjoni taghhom u dan ghas-segwenti motivi. Illi fl-ewwel lok, dawn iz-zewg persuni, li kif inghad kienu ko-akkuzati mal-appellati f'dawn il-proceduri qatt ma ngiebu mill-Prosekuzzjoni sabiex jiddeponu. Illi x'aktarx dan sehh billi jidher illi l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Jason

> Manuel Briffa kienu ghadhom ma gewx konkluzi sat-tmiem tal-proceduri kontra l-appellati quddiem l-Ewwel Qorti. Illi mbaghad Joseph Grech miet fil-mori tal-proceduri in Prim'Istanza biex b'hekk il-figura tieghu baqghet dik bhala ko-akkuzat li qatt ma seta' jigi mgieghel jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Allura fi kwalunkwe kaz id-difiza spiccat ma setax ikollha kontroll fuq dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies fix-xiehda guramentata taghhom quddiem l-Inkwirenti. Dan kien ifisser ghall-Ewwel Qorti illi kellha tiskarta dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies billi kien ikun perikoluz ferm li tistrieh fuq ix-xhieda ta' komplici fejn id-difiza qatt ma nghatat l-opportunita' tikkontrolla dak mistqarr minnhom.
>
> […]
>
> Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Biss din trid bil-fors tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioé fl-ewwel lok id-dritt ghas-silenzju tax-xhud li ghadu qed jiffaccja proceduri penali kontra tieghu u ukoll illi dak li jinghad mix-xhud f'tali stqarrija guramentata ghandu dejjem ikun assoggettat ghal kontroll tad-difiza u jekk id-difiza ma tkunx ezercitat dan id-dritt taghha allura l-Qorti tkun prekluza milli tistrieh fuq tali prova."

Illi fir-rigward tal-kawza odjerna s-sitwazzjoni hi dik li hi: u cioé li l-atti processwali jikkontjenu x-xiehda guramentata rilaxxata minn Nadia Rapinett u li l-imsemmija Rapinett baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri. Inutli li wiehed jipprova jara ghala l-proceduri fil-konfront ta' Nadia Rapinett hadu certu zmien biex jigu konkluzi b'mod finali, f'liema kaz Rapinett kien ikollha tixhed f'dawn il-proceduri, minghajr ghazla. Dak li huwa zgur hu li in segwitu tar-riferenza kostituzzjonali li saret minn din il-Qorti lill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) gie dikjarat li l-proceduri fil-

konfront tal-imputat fil-kawza odjerna *"huma lezivi tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta"* (*a fol.* 1009).

Illi huwa inutli li, in segwitu tas-sentenzi moghtija fir-rigward tar-riferenza konstituzzjonali hawn fuq imsemmija, u cioé dik fil-Prim'Istanza u dik fl-Appell, li l-Avukat Generali l-ewwel jirrinunzja ghat-talba tieghu li tixhed Nadia Rapinett f'dawn il-proceduri ghar-ragunijiet imsemmija minnu (*a fol.* 991 *et seq.*) u fl-istess mument jishaq li l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tax-xiehda guramentata tal-imsemmija Rapinett fejn jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** (*a fol.* 992 u *a fol.* 1061) u dana *stante* li dak li gie deciz fis-sentenza appena msemmija, u li giet ikkwotata aktar il-fuq, japplika f'kaz li jkun ghadu ma bediex jinstema' l-guri (f'kaz li l-Avukat Generali jkun hareg Att ta' Akkuza). Din hija sitwazzjoni differenti mill-kaz odjern minhabba li fil-kaz odjern il-kawza *per se* qed tinstema' b'mod effettiv minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dana peress li l-Avukat Generali hareg il-Kontro-Ordni tieghu sabiex l-imputat jigi ggudikat minn din il-Qorti stess u fejn l-Avukat Generali ndika liema huma l-Artikoli tal-Ligi li skond huwa l-imputat ghandu jigi misjub hati taghhom.

Illi fir-Risposta tieghu l-Avukat Generali jsostni s-segwenti: *"l-avukat difensur tal-imputat ghazel li jirrinunzja ghall-kontro-ezami ta' Nadia Rapinett b'dan li effettivament ghazel li ma jikkontestax dak redatt fl-istqarrija guramentata a folio 84 et seq. tal-atti processwali"* (*a fol.* 992). Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet kongunta tal-Avukat Generali u tal-Prosekuzzjoni jinghad is-segwenti: *"il-bank tad-difiza rrinunzjat ghall-kontro-ezami ta' Nadia Rapinett b'dan li dak kollu dikjarat minn Nadia Rapinett fix-xhieda taghha kien mehud bhala veritier u ammess bhala prova shiha u diretta ta' dak li rat u semghet ix-xhud minghajr ebda bzonn ta' cirkostanzi korroborattivi"* (*a fol.* 1061). Huwa minnu li fis-seduta tal-19 ta' Gunju 2014 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta gie verbalizzat, fost l-ohrajn is-segwenti: *"Dr. Joseph Brincat ghal Nadia Rapinett jiddikjara li Nadia Rapinett mhux se tixhed f'dan l-istadju mhux se tiddeponi peress li l-kawza taghha*

*ghadha pendenti. Konsegwentement Dr. Azzopardi jirrinunzja ghall-kontro-ezami taghha"* (*a fol.* 360) u huwa minnu wkoll li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 mizmuma quddiem din il-Qorti kif preseduta gie verbalizzat is-segwenti: *"Id-difiza nfurmat lill-Qorti li m'ghandhiex kontro-ezamijiet x'taghmel tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni"* (*a fol.* 1037). Huwa inutli li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet kongunta tal-Avukat Generali u tal-Prosekuzzjoni ssir riferenza ghall-fatt li meta l-kawza odjerna giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiza ddikjaraw li kienu qed jezentaw lil din il-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda kollha li kienu diga' nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 1062).

Illi bl-ebda raguni legali ma jista' qatt jigi argumentat li minn dak dikjarat mid-difiza, kif indikat fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li d-difiza ghazlet li ma tikkontestax dak redatt fix-xiehda guramentata rilaxxata minn Nadia Rapinett, u dana b'mod specjali, pero' mhux limitatament biss, meta kienet il-Prosekuzzjoni stess li fid-9 ta' Novembru 2015 ipprezentat Rikors (*a fol.* 471) sabiex il-Qorti tkun tista' tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni, u cioé lil Nadia Rapinett.

Illi l-Qorti tinnota li wara li, fir-Risposta tieghu (*a fol.* 991 *et seq.*), l-Avukat Generali l-ewwel jaghmel riferenza ghall-kawza hawn fuq imsemmija (cioé **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat)**, imbaghad jirrinunzja ghat-talba tieghu li tixhed Nadia Rapinett f'dawn il-proceduri u wara jitlob lill-Qorti sabiex *"tipprocedi bil-process odjern billi tisma' lill-imputat jiddeponi bil-gurament u sussegwentement tghaddi ghas-sentenza u dana salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fil-gudizzju ghaqli u superjuri taghha"* (*a fol.* 992). Fuq it-talba li jixhed l-imputat, il-Qorti diga' qalet li dak li kellha xi tghid aktar il-fuq u, a skans ta' ripetizzjoni, m'hu ser tghid xejn aktar dwar din it-talba. Il-Qorti zzid ukoll li l-imputat *ossia* d-difiza kellha kull dritt tressaq kwalunkwe xhieda li riedet tressaq in difeza, irrilevanti jekk l-imputat kienx ser jaghzel li jixhed jew le f'dawn il-proceduri, altrimenti l-Qorti ma kinitx timxi korrettament mal-imputat!

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq fir-rigward tax-xiehda guramentata rilaxxata minn Nadia Rapinett, jibqa' li l-imsemmija Nadia Rapinett baqghet qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm xi impediment iehor ghal dan ghajr ghall-fatt li kien ghad hemm pendenti kontra taghha proceduri kriminali.

F'dawn ic-cirkostanzi, la darba d-difiza giet prekluza milli tikkonfronta u tikkontrolla x-xhud Nadia Rapinett billi taghmel il-kontro-ezami taghha, il-Qorti tqis illi m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiskarta x-xiehda guramentata ta' Rapinett moghtija quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona u b'hekk tiddikjara tali xiehda guramentata bhala inammissibbli. Ovvjament, il-Qorti ser tiskarta wkoll kwalunkwe riferenza li setghet saret ghax-xiehda guramentata ta' Nadia Rapinett mid-diversi xhieda li xehdu fil-mori tal-proceduri odjerni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni (Assocjazzjoni)</u>:**

Illi Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull min:
>
> [...]
>
> (f) jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni,
>
> ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza".

Illi Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".

Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *conspiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** deciza fis-6 ta' Marzu 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". [...]*
>
> *This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been*

*accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

"Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erba' u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi jkun ukoll opportun li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 2009 fejn nghad is-segwenti:

*""Furthermore, as **Timothy Jones** and **Michael Christie** point out in the second edition of **Criminal Law**[7]:*

[7] Greens Concise Scots Law (Edinburgh), 1996, page 140, paras. 7-46 to 7-48.

*"Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.*

*Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in* **H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney** *(1968):*

*"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*

*The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.*

*The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof per se""*.

Illi minkejja li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 1058 *et seq.*) kongunta tal-Avukat Generali u tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti giet mistiedna tiehu *judicial notice* tas-sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija**

**vs. Nadia Rapinett**, il-Qorti, filwaqt li taqbel ma' dak sottomess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imsemmija fejn jinghad li l-paraguni huma odjuzi, tinnota li mhux talli hadet konjizzjoni tas-sentenza msemmija biss, pero' hadet konjizzjoni wkoll ta' dik moghtija fil-5 ta' Gunju 2014 fil-Prim'Istanza, u cioé mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ampja ghall-istqarrijiet rilaxxati minn Nadia Rapinett innifisha – haga li ma tirrizultax fil-kaz odjern! Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li ma jistax jinghad li l-provi fil-kawza kontra Nadia Rapinett u fil-kawza odjerna kontra Robert Agius kienu l-istess, il-Qorti ma tista' qatt taghmel dak li giet mitluba taghmel fin-Nota ta' Sottomissjonijiet kongunta tal-Avukat Generali u tal-Prosekuzzjoni fejn isostnu li *"l-mertu tal-kaz kontra Nadia Rapinett ghandu jinghata l-konsiderazzjonijiet tieghu sabiex tinstab il-htija f'Robert Agius"* (*a fol.* 1061).

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Meta Nadia Rapinett kienet ser taghmel il-konsenja kkontrollata u l-imputat mar flimkien mal-ahwa Pisani, Rapinett marret fuq in-naha tal-imputat u tatu basket tan-Next li fih kien hemm zewg injamiet bhala *decoy* u hu taha elf Euro (€1000) f'karti ta' flus.

- Qabel Rapinett marret biex taghmel il-konsenja kkontrollata fuqha ma kellha l-ebda flus. Di fatti, meta WPC 23 Geraldine Buttigieg giet mistoqsija tghid x'kellha fuqha Rapinett meta thalliet tiltaqa' mal-imputat, tghid li fuqha kellha basket tal-karti tan-Next u *mobile* u li meta marret lura kellha l-*mobile* u l-flus li semmiet qabel.

- PC 213 Nikolai Borg spjega li hekk kif il-Pulizija nizlu minn gol-vetturi meta marru biex jaghlqu t-triq biex titwaqqaf il-vettura li kien hemm fiha l-imputat u l-ahwa Pisani huwa ra lill-imputat jarmi basket tan-Next.

- PS 1174 Adrian Sciberras spjega li waqt li kien qed jaghmel l-arrest kien diga' immarka l-baskett mal-art fuq il-bankina u

b'hekk elevah u wara kkonferma li l-pakketti li kien hemm fil-basket kienu l-istess pakketti li ghamel hu stess dakinhar fil-ghodu.

- WPC 127 Carmen Gauci tixhed li meta l-imputat staqsa lil Rapinett x'kellha, Rapinett wegbitu: *""l-affarijiet""* (*a fol.* 268).

- Paul Anthony Pisani xehed li l-imputat qal li ried jaghti elf Euro (€1000) lil mara jew l-gharusa ta' Karin. Spjega li l-imputat ghadda l-elf Euro (€1000) lil din il-mara got-tieqa tal-vettura. Mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta jekk rax dan isir, wiegeb: *"Le ma rajthiex, imma nahseb li minn got-tieqa ghax it-tieqa kien hemm mitfuha"* (*a fol.* 143). Jghid li ra persuna tavvicina t-tieqa pero' jghid li anqas ta' kaz.

- Joseph Pisani spjega li hekk kif kienu sejrin lejn San Pawl il-Bahar, l-imputat ircieva telefonata u qallu biex jghaddieh minn hemm stess fejn specifika li qal lil huh (li hu Joseph Pisani) li ried ihallas xi flus. Spjega li hekk kif waslu fuq il-post, l-imputat cempel lil din il-mara biex tinzel, il-mara nizlet, u jghid li hu (Joseph Pisani) qatt ma raha u l-imputat ghaddielha elf Euro (€1000). Jghid li hu ra dan isir. Jghid li hekk kif saq bicca zghira, din il-mara tefghet basket bejn saqajn l-imputat u l-imputat rega' ramieh minn got-tieqa. Jghid li f'hin minnhom gie vann abjad ghal go fih u minnu hargu l-Pulizija u hadulu c-cwievet tal-vettura.

- Essam Bassiouny xehed dwar il-fatt li ghandu cittadinanza Maltija, li ilu jghix Malta hamsa u ghoxrin sena, li ghall-ahhar hmistax il-sena kellu zewg ristoranti f'Paceville, li seba' snin qabel zarma u mar l-Egittu u fetah ufficju hemm. Ikkonferma li lill-imputat u lil Paul Pisani sar jaf bihom permezz ta' Egizzjan iehor, li jghid jismu Karin Hassan. Spjega li hu (Essam Bassiouny) u l-imputat ghamlu negozju u jispjega dan x'kien. Xehed dwar il-fatt li dan in-negozju kien sar fis-sena 2012 u li l-konsenja rigwardanti n-negozju waslet f'Marzu 2012.

Illi sabiex ikun hemm assocjazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jrid ikun hemm ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar biex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza, u liema ftehim jissussisti fil-mument illi jigu miftehma l-mezzi li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu.

Ghalhekk huwa necessarju li sabiex tirrizulta l-imputazzjoni tal-assocjazzjoni kif dedotta kontra l-imputat, irid jirrizulta, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar, l-intenzjoni li tigi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita' tal-pjan ta' azzjoni. Kull ma jirrizulta mill-provi prodotti fil-kawza odjerna huwa dak li kellha fuqha Rapinett meta marret biex taghmel il-konsenja kkontrollata u dak li halliet fil-vettura li fiha kien hemm l-imputat, il-flus li marret lura bihom wara li marret tiltaqa' mal-imputat u kif ukoll dak li xehed Essam Bassiouny fir-rigward tan-negozju li kien ghamel mal-imputat.

Illi ma jistax jinghad illi tirrizulta l-assocjazzjoni da parti tal-imputat. Ma tezisti l-ebda prova li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-imputat flimkien ma' Rapinett, li jinnegozzja d-droga jew illi kien hemm xi ftehim bejniethom dwar il-modalita' tal-pjan ta' azzjoni sabiex tigi negozjata d-droga. Ma jistax jinghad li jirrizulta illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat Agius u Rapinett illi jittraffikaw id-droga bhal ma lanqas ma jirrizulta illi gew 'ikkumbinati jew miftiehma mezzi' li bihom huma kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga. Dak li jirrizulta huwa dak li xehdu l-Ufficjali tal-Pulizija fir-rigward ta' dak li sar meta saret il-konsenja kkontrollata u dak li nghad minn Paul Anthony Pisani u Joseph Pisani li kienu fil-vettura mal-imputat meta gie arrestat, liema ahwa Pisani xehdu wara li nghataw il-*caution*.

Illi minkejja li l-verzjonijiet moghtija mill-ahwa Pisani m'humiex identici u minkejja li l-verzjoni vera hija dik li tidher mill-filmat li jinsab immarkat bhala Dok. "TCM" (*a fol* 267) xorta wahda bl-ebda mod ma jista' wiehed jasal ghall-inferenza li allura bejn l-imputat u Rapinett kien hemm assocjazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami ma rrizultax mill-provi ammissibli li l-imputat kellu intenzjoni li jbiegh jew

jittraffika medicina perikoluza. Barra minn hekk mill-provi ma jirrizultax illi kien ntlahaq xi forma ta' ftehim dwar il-mezzi sabiex tinbiegh jew tigi traffikata d-droga.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, ma jirrizultax li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Semplici ta' Kokajina)</u>**:
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess semplici tad-droga kokajina.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech, filwaqt li jirreferi ghal, fost l-ohrajn, dak li nstab fuq Nadia Rapinett wara li giet mehuda l-Ghassa wara li waslet minn titjira mill-Kajr, jixhed ukoll li fir-residenza tal-imputat, apparti li nstabet *bullet* mhux sparata, jghid li: *"nstabet ukoll dik li hija suspettata sustanza li hija droga bhala ammont minimu, ghoqda tal-plastik li kien fiha xi sustanza suspettata droga kokajina"* (*a fol.* 34).

Illi minkejja li waqt id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech giet ezebita, fost l-ohrajn, *"ghoqda tal-plastik trasparenti kontenenti sustanza suspettuza droga"* (*a fol.* 35), li giet immarkata bhala Dok. "PG 9", tali sustanza baqghet qatt ma giet analizzata minn espert u b'hekk mhux talli ma jirrizultax x'inhi tali sustanza, talli anqas jirrizulta jekk hijiex wahda illegali jew le.

Illi mill-atti processwali ma jirrizulta xejn aktar dwar din l-imputazzjoni, anqas mir-rapport (Dok. "MB" – *Envelope Loose*) redatt mill-Espert Dr. Martin Bajada. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami li bl-ebda mod ma jista' jinghad li giet sodisfacentement pruvata. Ghaldaqstant, mhijiex ser tinsab htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Zamma ta' Armi tan-Nar Jew Munizzjon Minghajr Licenzja)</u>**:
Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-iSpettur Pierre Grech xehed li fir-residenza tal-imputat instabet *bullet* mhux sparata. Huwa ezebixxa, fost l-ohrajn, bhala Dok. "PG 8" il-*bullet* mhux sparata.

- PC 760 Christopher Saliba spjega li meta mar jaghmel: *"tfittxija fir-residenza ta' Robert Agius li qieghed naghraf hawnhekk fl-Awla, ezattament Penthouse 11, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar, fejn hemm minn go t-TV unit li kien hemm fil-living room kont elevajt hames (5) simcards […] Kont elevajt ukoll tliet (3) mobiles flimkien ma' bullet. Minn go l-ispare bedroom kont elevajt GPS phone tal-marka Thuraya u anke GPS"* (*a fol.* 171).

- WPS 102 Ruth Magro qalet li minn ricerka li ghamlet fis-sistema tal-armi rigward Robert Agius detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 569383(M) irrizulta li l-imsemmi Agius ma kellu l-ebda armi registrati fuq ismu.

- Fir-rapport tieghu (Dok. "MC" – *a fol.* 108 *et seq.*), il-Brigadier Maurice Calleja wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  *"1. Fuq inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. b'digriet datat tat-23 ta' Mejju 2012 l-esponent gie nominat espert sabiex jezamina u jirrelata dwar* ***bullet Dok. "PG 8"*** *li kienet esebita fil-kawza tal-Pulizija kontra Robert Agius.*

  *2. Fit-28 ta' Mejju 2012 l-esponent irtira mill-Qorti l-bullet Dok. "PB 8".*

  *3. L-esponent ezamina l-bullet u sab illi din kienet bullet tad-ditta LAPUA li ghandha kalibru .38 special. Din il-bullet ghandha l-bullet head tac-comb u hija kkargata (live). Dan ifisser li din il-bullet ghadha fi stat li tista' tigi sparata*

*minn arma tan-nar. L-arma li s-solitu tispara din il-bullet hija Revolver tal-kalibru .38 Special.*

*4. Tant ghandu l-unur jissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti" (a fol.* 109).

- Fil-PCR *Details* (Dok. "VA 1" – *a fol.* 100) l-indirizz indikat tal-imputat huwa: "Olive Court, Blk B, Penthouse 11, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar". Dan jirrizulta wkoll, fost l-ohrajn, fic-*charge sheet* (*a fol.* 1 *et seq.*) mahruga fil-konfront tal-imputat u fl-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 6).

Illi minkejja dak li nghad fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li r-residenza ta' San Pawl il-Bahar hawn fuq imsemmija hija r-residenza tal-imputat. Dan jirrizulta, fost l-ohrajn, mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech u mid-depozizzjoni moghtija minn PC 760 Christopher Saliba li jaghmlu riferenza ghall-istess indirizz fid-depozizzjoi taghhom u kif ukoll ghal dak li jirrizulta mill-PCR *Details* hawn fuq imsemmi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-imputazzjoni in ezami giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Recidiva)**:

Illi taht din l-imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Saviour Demicoli) fis-7 ta' Ottubru 2010.

Illi minkejja li s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2010 hawn fuq imsemmija tidher elenkata fil-fedina penali (*a fol.* 7) tal-imputat u apparti l-fatt li dan mhux bizzejjed sabiex tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami peress li vera kopja tas-sentenza *per se* kellha tigi ezebita fl-atti processwali, pero' huwa ben risaput li

l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 336 u 337), fejn l-Avukat Generali ndika skond hu liema artikoli tal-ligi l-imputat kellu jigi misjub hati taghhom, l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikoli tal-ligi li jirrigwardaw recidiva. Gialadarba dawn ma gewx indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, il-Qorti ser ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss it-tielet (3) imputazzjoni li giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser tinsab hati taghha biss.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni addebitata lill-imputat u li giet pruvata u kif ukoll il-fedina penali tieghu (*a fol.* 7).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni (u cioé dik immarkata bl-ittra "d") migjuba fil-konfront tal-imputat,

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (u cioé dawk immarkati bl-ittri "a" u "b") migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Ottubru 2013 u senjatament Artikoli 3, 5 u 51(1)(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Robert Agius hati tat-tielet (3) imputazzjoni (u cioé dik immarkata bl-ittra "c") migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa hames mitt Euro (€500.00).

*Ai termini* ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-*bullet* mhux sparata (Dok. "PG 8").

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Agius sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert il-Brigardier Maurice Calleja f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' hamsa u sebghin Euro u disgha u sittin centezmu (€75.69).[8] L-imputat m'huwiex ser jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tar-rapporti peritali l-ohra[9] li jirrizultaw fl-atti processwali *stante* li l-imputat ma nstabx hati ta' l-imputazzjonijiet immarkati bl-ittri "a", "b", u "d".

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru tal-assi tal-imputat, liema talbiet saru fic-*charge*

[8] Dok. "MC" – *a fol.* 110.
[9] PC 1392 Kevin Buhagiar u PC 910 Sean Pace (Dok. "KB/SP" – *a fol.* 128) (€60.51); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" - *a fol.* 4 *tergo* tar-rapport – *Envelope Loose*) (€1576.85).

*sheet* migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li l-imputat instab hati biss ta' l-imputazzjoni mmarkata bl-ittra "c".[10]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[10] Ghal kull buon il-Qorti tinnota li qatt ma sar xejn dwar it-talbiet in kwistjoni u dana minkejja li dawn it-talbiet kienu nkluzi fic-*charge sheet* u anqas ma jirrizulta li qatt kien hemm xi insistenza dwarhom.